**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

**a. L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

**b. L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-influwenza ta' programmi fuq it-televixin u r-radju dwar kwistjonijiet/ aħbarijiet/ġrajjiet kurrenti

- **Taħseb li  dawn huma iktar influwenti minn gazzetta? Għaliex?**
- **Taħseb li dawn jinfluwenzaw il-mod ta' kif naħsbu, nitkellmu, ngħixu, eċċ?**
- **Taħseb li, fl-aħħar mill-aħħar, iġegħluna nibdlu l-fehma tagħna?**
- **Kemm huma segwiti mill-Maltin?**
- **Il-filmati mal-aħbarijiet fuq it-televixin huma ta' kwalità?**
- **Għandu jkun hemm ċensura fuq dak li jingħad jew li jintwera?**
- **Ċerti xeni (ta' gwerer, qtil atroċi, ġenoċidji) jistgħu ma jintwerewx? Jew dawn huma r-realtà, u għaldaqstant għandhom jintwerew kif tabilħaqq ikunu saru?**
- **Taħseb li s-sensazzjonaliżmu huwa importanti? (Kulħadd ifittex *scoop*)**
- **Stazzjonijiet barranin (CNN, Sky News) isegwuhom il-Maltin? Taħseb li jippreferuhom u jemmnuhom aktar minn dawk lokali?**
- **Liema taħseb huma l-aħjar/l-agħar programmi (ta' bla ebda sugu) u liema programmi jattirawk biex tkompli tara/tisma'?**
- **Kulħadd (esperti u prinċipjanti) għandu jitħalla jitkellem fuq it-televixin u r-radju u min għandu jiddeċiedi li jinkludihom fil-programm?**
- **Min jitkellem u jidher għandu jkun attraenti? Leħnu sabiħ? Jaf jitkellem u jaqra sew?**
- **Taħseb li n-nies li jidhru/jinstemgħu jkunu dejjem ippreparati dwar is-suġġett li jkunu qed jitkellmu dwaru? Għaliex taħseb hekk?**
- **Hemm lok ta' titjib fil-produzzjoni ta' dan it-tip ta' programmi? Għandek xi suġġerimenti?**
- **Jista' ċ-ċittadin jgħin biex jitjieb il-livell? Kif?**

# It-tpinġija fuq il-ġisem (it-*tattoos*)

- **Għaliex isiru dawn it-tpinġijiet?** Biex nidhru isbaħ, sens ta' protesta, sens ta' affermazzjoni, biex infakkru lil xi ħadd, biex nuru li nħobbu lil xi ħadd...
- **Taħseb li t-tpinġija nnifisha għandha xi tifsira?** Tipi differenti ta' tpinġijiet – simboli, kuluri, kliem, stampi!
- **Taħseb li l-kwantità ta' dawn it-tpinġijiet għandha xi tifsira partikolari?** Min jagħmel motiv żgħir u min jimtela tpinġija.
- **Taħseb li din hija forma ta' arti u taħseb li għandha xi valur estetiku?**
- **Dawn it-tpinġijiet għandhom isiru biex jinħbew jew biex jintwerew?**
- **Taħseb li jeżistu preġudizzji kontra min għandu tpinġija? Dawn il-preġudizzji huma ġġustifikati jew huma bla bażi?**
- **Min għandu tpinġija għandu jitħalla jaħdem kullimkien?**
- **Taħseb li t-tpinġija tista' tkun sors ta' inkwiet fil-familja? Għandu jkun hekk?**
- **Jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa?** Problema biex tneħħihom, tista' tweġġa', marka permanenti...
- **Taħseb li hawn negozju sħiħ ta' dawn it-tpinġijiet? U f'pajjiżna?**
- **Dawn it-tpinġijiet huma assoċjati biss maż-żgħażagħ jew l-età hija irrelevanti?**
- **Tixtieq tpinġi biċċa? Għaliex?**

# Il-familja moderna

- **In-numru ta' persuni fil-familja moderna huwa anqas minn tal-familja tradizzjonali. Għaliex?**
- **Illum x'aktarx li n-nanniet ma jibqgħux mal-familja. Taħseb li dan qed jiġri minħabba li huma ta' piż żejjed jew din hija biss skuża?**
- **Il-familja moderna tgħix ekonomikament aħjar minn dik ta' dari? Jekk iva, għaliex qed nippreferu anqas tfal?**
- **Sehem l-omm fil-familja moderna kif inbidel?** Ħafna drabi toħroġ taħdem, moħħha fil-karriera. **Għandha dritt taħseb fil-karriera?**
- **Sehem il-missier fil-familja moderna għadu l-istess bħal ta' dari? Għal xogħol wieħed, għandu tnejn jew tlieta. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' dan?**
- **X'inhu sehem l-ulied fil-familja moderna? Huwa mistenni minnhom li jagħtu daqqa t'id fil-familja jew jistennew biss il-ġenituri jipprovdulhom l-aħjar?**
- **Għad fadal ħin biex il-familja tkun flimkien? Għaliex? Meta?**
- **Taħseb li l-mezzi tal-midja qed jinfluwenzaw il-familja moderna? Kif?**
- **Taħseb li l-familja f'Malta għadha b'saħħitha meta tqabbilha mal-familji f'pajjiżi oħra?**
- **X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-familja moderna meta mqabbla mal-familja tradizzjonali?**
- **Inti kif tħares lejn il-familja? Bħala appoġġ fil-bżonn jew bħala ndħil żejjed?**
- **Kif għandha tkun għalik il-familja ideali?**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-influwenza ta' programmi fuq it-televixin u r-radju dwar kwistjonijiet/aħbarijiet/ġrajjiet kurrenti

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22ok.15s

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# It-tpinġija fuq il-ġisem (it-*tattoos*)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2015 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-familja moderna

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | l-4 ta' Settembru 2015 |
| **ĦIN:** | mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

*30 marka*

1. Is-sena l-oħra
2. Il-kulur tal-ġilda
3. Il-Maltin u l-Għawdxin
4. Kien qamar kwinta
5. Il-ħajja fuq il-baħar

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Is-sens tal-kliem jista' jinbidel mal-mogħdija tas-snin. Iddiskuti l-kawżi li jwasslu għal bidla fit-tifsir tal-kliem.
2. Iddiskuti għaliex il-Malti jitqies bħala lsien imħallat.
3. Il-morfoloġija hi l-fergħa tal-lingwistika li tistħarreġ il-binja tal-kelma. Uri kif din l-istqarrija tapplika fil-każ tal-Malti.

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA
## IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

1. Il-poeti Maltin jinqdew bl-għodod li tagħtihom il-poeżija biex jiktbu kemm dwar l-għaqda kif ukoll dwar il-firda li sseħħ bejn il-bnedmin. Iddiskuti.
2. Il-poeżija Maltija tirrakkonta wħud minn dawk li tqishom bħala l-ġrajjiet ewlenin li għex il-ġens Malti u tidentifika ċerti personaġġi bħala mudelli għall-kotra tal-Maltin. Iddiskuti.

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA
## IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda**. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Ir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer, *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, jitkellem dwar soċjetà li, minkejja li suppost tħaddan il-valuri Nsara li jippriedka Dun Karm, il-kuġin tas-Sa Marjann, mhux dejjem lesta tifhem u tħenn għal dawk li jaħsbuha jew iġibu ruħhom b'mod differenti jew għal dawk li jkunu għaddejjin minn mument diffiċli. Iddiskuti.
2. "Leli kien miġbud bis-sħiħ lejn ommu; u għad illi kien laħaq il-wieħed u għoxrin sena, għall-ewwel darba f'ħajtu kien tilef rasu wara xbejba. B'danakollu, kien għadu ftit kmieni biex iħoss tonqos il-ġibda li kellu lejn ommu." Iddiskuti r-relazzjoni ta' Leli ma' ommu matul ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, u kif taffettwa l-ġrajja personali tiegħu.
3. Fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, l-individwu jinqabad f'dilemma bejn il-ħtieġa li jgawdi d-drittijiet tiegħu mingħajr restrizzjonijiet minn ħaddieħor u l-ħtieġa li jgħix ma' soċjetà bl-interessi varji tagħha. B'eżempji xierqa mid-dramm, uri t-tensjonijiet u d-diffikultajiet li jinbtu minn din id-dilemma.
4. Fid-dramm *Menz*, il-protagonist hu ċċirkondat minn soċjetà siekta, oskura u anonima li toħloq ansjetà anke f'dawk il-membri tagħha stess, bħal Tereża u Ġorġ, li juru interess fi bniedem ġdid li ġie fosthom. Iddiskuti.